Dok 1

**Estratt mis-Seduta 139 tat-23 ta' Novembru 1983**

**PERMESS TAL-KAMRA**

**ONOR. JOSEPH CASSAR (Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament):** Mr Speaker, nixtieq li l-Kamra tagħti l-permess lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni għax għandu mozzjoni biex ikun jista' mingħajr ma ta notice, jipproponiha issa.

**MR SPEAKER:** Hemm permess biex isir dan? (Onor. Membri: Iva) Hemm permess.

*Il-permess ingħata*

**KUMITAT BIEX JIDDISKUTI L-PROBLEMI TA' GĦAWDEX**

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Mr Speaker, nipproponi:

Illi l-Kamra taħtar Kumitat biex jiddiskuti l-problemi tal-gżira ta' GĦawdex u b'hekk jgħin biex l-GĦawdxin jifhmu aħjar id-deċiżjonijiet li jolqtuhom fil-ħajja ta' kuljum; u

Illi dan il-Kumitat ikun magħmul mill-Ministru responsabbli għal GĦawdex, minn Ministru ieħor li dwar il-Ministeru tiegħu jkun se jiddiskuti l-Kumitat, u mill-ħames rappreżentanti ta' l-GĦawdxin fil-Parlament, viż:

L-Onor. Coronato Attard,

L-Onor. Carmelo Buttigieg,

L-Onor. Lino Debono,

L-Onor. Louis Refalo, u

L-Onor. Anton Tabone, u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura li l-aktar iħoss addattata, b'dan iżda illi:

iċ-chairman ikun il-Ministru li dwar il-Ministeru tiegħu qed issir id-diskussjoni fil-Kumitat, u li c-chairman ikun jista' jieħu parti fil-Kumitat, u jkollu l-vot tiegħu bħala membru u fil-każ ta' voti indaqs ikollu wkoll vot deċiżiv;
il-*quorum* ikun jikkonsisti fic-chairman u żewġ membri oħra;
Il-Kumitat jiltaqa' bil-miftuh, jew fil-Kamra tal-Parlamenta meta ma jkunx hemm seduta tal-Parlament jew f'post ieħor pubbliku, kif avżat minnu u li f'dan il-Kumitat jieħdu parti uffiċjali pubbliċi kif indikati mill-Ministru responsabbli għal GĦawdex u mill-Ministru li jkun chairman għal dik is-seduta partikolari;

is-seduta tal-kumitat ikunu jistgħu jingħataw dirett fuq it-televiżjoni u l-mezzi l-oħra tax-Xandir, skond kif ordnat mill-Ministeru responsabbli għal GĦawdex, jew mill-Ministru li jkun chairman f'din is-seduta partikolari; u

Illi l-ewwel seduta ta' dan il-Kumitat issir bil-Ministru responsabbli għal GĦawdex bħala chairman, u tinlamm fil-Kamra tal-Parlament nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 1983 fis-6.00 p.m. u tinħatar dirett fuq it-televiżoni u l-mezzi l-oħra tax-xandir.

**MR SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. LINO DEBONO:** Nissekonda.

**MR SPEAKER:** Hemm rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Kontra? Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

**MR SPEAKER:** Aġġornament